MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 547/2003

George Cini
vs
George Felice

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur kien kera minghand il-konvenut il-fond numru 18 (gja 40), Triq Santa Maria, Qormi bil-kera ta' tlettax (13)-il lira Maltin kull sitt xhur u dan kien ilu jsir ghal snin twal. Illi din kienet l-unika residenza tal-attur;

Illi fit-23 ta' Ottubru 1996 il-konvenut George Felice kien talab permezz ta' rikors fil-Bord li jirregola l-Kera l-izgumbrament ta' l-attur odjern mill-fond imsemmi;

Illi fit-28 ta' Gunju 2001, il-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet l-istess talba bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent

appellat illum konvenut (kopja tas-sentenza ta’ l-Appell annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok.A.);

Illi xi xhur wara, il-konvenut kien avvicina lill-attur u kien talbu sabiex jiffirmalu karta li l-konvenut iddeskriva li kienet torbot lill-attur sabiex ma jdahhal lil hadd izjed jabita mieghu fil-fond ***de quo*** (Dokument anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok B);

Illi meta l-konvenut mar ghand l-attur sabiex din il-karta tigi ffirmata huwa kien issostitwixxa l-istess karta b’karta ohra li kien fiha kondizzjonijiet differenti (Dokument anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok C);

Illi l-attur kien iffirma l-istess karta bil-hsieb li kien fiha dak li ntqal lilu peress li huwa ma kienx jaf jaqra u jikteb u l-kontenut ta’ l-istess dokument ma kienx inqara lilu;

Illi madankollu huwa hallas l-ammont ta’ erbghin (40) lira Maltin bhala kera peress li huwa kien diga gie mitlub jaghmel dan mis-sid u biex ma jaqlax kumplikazzjonijiet kien dispost, li jzid il-kera mhallsa;

Illi ricentement huwa kien ircieva ittra minghand il-konsulent legali tal-konvenut fejn kien gie ordnat jivvaka l-istess fond stante li skond id-dokument imsemmi u mmarkat Dok ‘C’ il-kera kienet skadiet u l-konvenut ma kienx irid illi jgedded tali kera gdida;

Illi kien wara li kien mar jiehu parir dwar din l-ittra li l-attur kien skopra x’kien ighid id-dokument Dok ‘C’ wara li l-avukat tieghu kien qralu u spjegalu l-kontenut tieghu;

Illi ghalhekk l-attur kien hassu ttradut u mqarraq, li jiffirma l-istess l-istess Dok ‘C’ taht impressjoni totalment zbaljata, u li ffirma ghal xi haga li la kellu nteress u anqas ghalfejn jaccetta;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-attur iffirma l-istess skrittura markata Dok 'C' minghajr ma kien jaf x'fiha, u taht l-impressjoni zbaljata li kien qed jiffirma ghal xi haga ohra;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess skrittura mmarkata Dok 'C' hija daqstant nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fil-ligi, billi huwa kien jaf tajjeb x'qed jiffirma u la kellu zball u wisq anqas kien gie b'xi mod imqarraq.

2. Illi konsegwentement l-iskrittura ta' lokazzjoni kienet valida u anke t-tieni talba attrici kellha tigi michuda.

3. Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Gie prezentat affidavit ta' George Cini li fih issemma li l-fond 18, Triq Santa Marija, Qormi kien mikri lil missieru

John Cini. Hu dejjem ghex mieghu u wara li miet missieru fil-25 ta' Dicemnru 1998 kien baqa' jghix fl-istess indirizz. Hu ilu jghix f'dan il-fond 67 sena. Xi hames snin qabel ma miet missier ix-xhud, George Felice kien fetah kawza lil missieru biex jipprova jiehu l-fond lura izda l-Qorti tal-Appell iddecidiet li x-xhud kellu jibqa' jabita fil-fond in kwistjoni. Ix-xhud kien accetta li l-kera toghla ghal Lm40 kif xtaq George Felice biex ma jibqghux jinqalghu kumplikazzjonijiet. Zmien wara oht ix-xhud kienet ghaddietlu karta li ntbaghtet lilu minn George Felice biex jiffirmaha ghax Felice ried li meta jigi nieqes ix-xhud ma jidhol hadd fil-post. Ix-xhud kien tkellem ma' Felice li qallu li dik il-karta kienet biex ma jdahhallux aktar nies fil-post u ma kellux ghalfejn jinkwieta, u Cini ffirma l-karta. Zmien wara rcieva karta minghand avukat ghan-nom ta' Felice u nduna li s-sid ried ic-cwievet lura. Sostna li hassu mqarraq ghax hu kien minghalih li qed jaccetta biss li ma jidhol hadd joqghod mieghu. Hu ma jafx jaqra u hadd ma spjegalu x'kien hemm miktub fil-karta qabel iffirmaha, anzi sostna li Felice qallu li billi jiffirma ma jigri xejn. Fl-istess zmien hu nefaq madwar Lm2000 f'tiswijiet fil-post.

Semghet lil <u>George Cini</u> bil-gurament. Dan qal li hu kien joqghod u ghadu joqghod fil-fond li qabel kien numru 40 u llum 18, St. Mary Street, Qormi u dan ghal xi 73 sena. Qal li hutu ghandhom post faccata izda hu ma ghandux parti minn dan il-post ghax huwa propjeta` ta' hutu. Il-post fejn joqghod hu ta' George Felice bhala proprjeta`. Qal li ohtu Josephine Cini tiehu hsiebu. Hi xebba u tiehu hsieb hi li tahsillu u ssajjarlu. Xi zmien wara li nqatghet il-kawza mill-Qorti tal-Appell il-konvenut kien kellem lil oht ix-xhud biex il-kera toghla minn Lm26 ghal Lm40. Biex jevita inkwiet l-attur kien accetta. F'okkazjoni minnhom kellmu George Felice u qallu biex jiffirmalu karta. Hu qal li ma jafx jaqra izda Felice qallu li din biex ma jdahhallux nies fil-post, u hu ffirmaha.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Josephine Cini</u> li fih issemma li l-fond 18, Triq Santa Marija kien mikri lil missierha John Cini. Huha George dejjem kien jghix mieghu u meta miet missierha baqa' jghix hemm. Qalet li xi hames snin qabel ma miet missierha George Felice fetah kawza lil missierha

biex jipprova jiehu l-fond lura izda l-Qorti tal-Appell iddecidiet li huha kellu jibqa' jghix fil-fond. Meta kien wasal iz-zmien li tithallas il-kera hi kienet marret ghand Felice ghan-nom ta' huha, u Felice ma kienx accetta l-kera u qalilha li ried jgholli. Huha ma kienx ha pjacir b'dan izda accetta li jhallas Lm40 fis-sena biex ma jinqalax paroli. Hi kienet hallset lil Felice u dan taha ricevuta. Ftit taz-zmien wara Felice mar ghandha u talabha tiffirma karta li qalilha li kull ma hi biex huha jintrabat ma jdahhal lil hadd fil-fond fejn joqghod. Ix-xhud ma tafx taqra u ghalhekk qaghdet fuq li qalilha Felice u ffirmat. Ftit wara talabha l-karta u taha ohra biex jiffirmaha huha. Sostniet li Felice assigura lil huha li din kienet biss biex ma jdahhal lil hadd joqghod mieghu, u allura huha ffirma. Zmien wara rcevew ittra minghand avukat ghan-nom ta' George Felice li kienet tindika li Felice ried ic-cwievet tal-fond lura.

Semghet bil-gurament lil Josephine Cini li qalet li zmien minnhom George Felice fetah kawza kontra huha u l-kawza kien rebahha huha. Ziedet tghid li darba minnhom il-konvenut hadilha karta biex jiffirmaha huha. Qalet li din il-karta l-iskop taghha kien biex hadd ma jista' jidhol fil-post u biex huha jzomm il-post fi stat tajjeb. Zmien wara Felice mar ghandha b'ittra ohra u meta staqsietu x'kien fiha dik l-ittra, hi qaltlu li biex huha ma jdahhalx nies mieghu, u hi kienet iffirmatha. Ftit hin wara Felice rega' mar u ghaffeg il-karta u qalilha li huha ried jiffirmaha, u kien taha karta ohra. Qalet li l-awment fil-kera gie gja sar qabel ma giet iffirmata l-karta. Hi kienet marret fl-10 ta' Mejju ghand il-konvenut biex thallsu tal-kera izda hu qalilha biex tmur f'Gunju biex il-hlas jibda f'Gunju. Ziedet tghid li xi sentejn qabel xehedet kienu ntefqu xi Lm2,000 f'xogholijiet fil-fond.

Gie prezentat affidavit ta' Carmen Cini li fih issemma li zmien minnhom kienet avvicinatha Josephine li tigi oht ir-ragel taghha biex taqralha ittra. Din kienet ittra minghand Dr. Pawlu Lia ghan-nom ta' George Felice u fiha l-avukat kien qed jghid lil George Cini biex jirritorna c-cwievet tal-fond 18, Triq San Pawl, Qormi peress li Felice ma riedx igedded il-kuntratt tat-23 ta' Mejju, 2002.

Semghet bil-gurament lil Carmen Cini li qalet li hi gieli ghenet lill-konvenut billi taqralu xi ittra. Dwar l-ittra a fol 21 tal-process qalet li kienet qratha lil Josephine Cini.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Gie prezentat affidavit tal-konvenut George Felice li fih issemma li hu proprjetarju u sid il-kera tal-fond in kwistjoni. Originarjament il-post tal-kera kienet fuq missier l-attur. Wara li miet missier l-attur, l-attur kien dawwar il-karta tal-identita` fuq il-post in kwistjoni u baqa' fih. Il-kera kienet ta' Lm26 fis-sena jithallsu kull 6 xhur bil-quddiem. Qal li wara li nqatghet il-kawza kien kellem lill-attur biex jaghmlu ftehim gdid b'kundizzjonijiet u kera differenti. L-attur ghall-ewwel ma riedx jaccetta peress li x-xhud ried jaghmel il-kundizzjoni li l-attur ma jdahhal lil hadd mieghu fil-post, izda wara kien accetta li jidhol f'kirja oghla kif kien talbu l-konvenut. Qal li fl-opinjoni tieghu l-attur m'ghandux bzonn il-post in kwistjoni ghax ghandu post iehor ma' ohtu x-xebba, faccata tieghu. Ix-xhud kien jara lill-attur diehel u hiereg mill-post li ghandu ma' ohtu kemm-il darba, u sostna li l-post tieghu kien juzah biex idahhal fih il-pavaljuni tat-triq u l-affarijiet tal-festa, kif ukoll diversi affarijiet ta' hutu. Sostna li hu mhux veru ried iqarraq bl-attur meta hadlu l-kuntratt il-gdid u qal li l-attur iffirmah ghax ried.

Semghet bil-gurament lil George Felice li qal li l-karta li ghadda lil oht l-attur, wahda kienet tqattghet u l-ohra baqghet ghandha. Sostna li huma ma kienux ghamlu karta ohra. Qal li l-ittra li qattghu u l-ohra li baqghet ghand Josephine Cini kien fihom l-istess kliem.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Felice li fih issemma li hu jigi t-tifel tal-konvenut. Qal li jaf li missieru ried jaghmel ftehim gdid dwar il-fond in kwistjoni u meta missieru kellem lill-konvenut dan ghall-ewwel ma riedx jaccetta. Wara kienet sabitu Josephine Cini oht l-attur u qaltlu li huha kien accetta li jhallas Lm40 kera.

Semghet bil-gurament lil Joseph Felice li qal li darba minnhom Josephine Cini marret ir-remissa ta' missieru

biex tkellem lil missieru dwar il-kera u qaltlu li ma jistax ikun li l-kera toghla, izda ftit jiem wara Josephine Cini kienet marret u sabet lix-xhud u qaltlu biex jghid lil missieru li huha George Cini accetta li jhallas l-Lm40 kera.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**

Illi din il-kawza hija bazata fuq allegazzjoni maghmula mill-attur li l-awment ta’ kera ghall-fond proprjeta` tal-konvenut, bit-termini kif stipulat bi skrittura privata tat-23 ta’ Mejju 2002, sar minghajr ma l-attur kien jaf x’fiha u taht impressjoni zbaljata ta’ l-istess attur u ghalhekk qeghdin jitolbu illi din l-iskrittura privata tigi dikjarata nulla u minghajr effett.

Irrizulta li l-fond numru, 18, Triq Santa Maria, Qormi, huwa proprjeta` tal-konvenut George Felice. Illi dan il-fond kien ilu jinkera lil John Cini, missier l-attur ghal diversi snin. Irrizulta, li l-konvenut kien talab l-izgumbrament ta’ Cini fil-Bord li jirregola l-kera minhabba bdil fid-destinazzjoni tal-fond. Izda, fit-28 ta’ Gunju 2001, il-Qorti ta’ l-Appell cahdet din it-talba. (a fol 5 sa 20 tal-process).

Illi sussegwentement, giet iffirmata karta li sservi bhala skrittura bejn iz-zewg partijiet, fejn kien hemm imnizzel li l-kera gholiet ghal LM40 u ghandha tithallas darba fis-sena, oltre ghall-kliem l-iehor (a fol 22). L-attur ipproceda bil-kawza odjerna stante li sostna li hassu ngannat ghax ma kienx jaf bil-kontenut ta’ din l-iskrittura. Min-naha l-ohra, il-konvenut eccepixxa li t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fil-ligi, billi huwa kien jaf x’iffirma, u ghalhekk la kien hemm qerq u anqas zball. Gie eccepit ukoll, li l-iskrittura ta’ lokazzjoni hija valida.

Illi hawnhekk, japplikaw id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 966 ***et sequitur*** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jirregolaw il-kuntratti. Ir-rekwiziti essenzjali biex kuntratt ikun jiswa huma stabbiliti fl-artikolu 966 tal-Kodici Civili, fejn wiehed mir-rekwiziti huwa proprju dak li jobbliga ruhu.

L-artikolu 974 tal-Kap 16 jiddisponi:

“Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b’ghemil doluz, ma jkunx jiswa.”

Dwar dan l-artikolu, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gatt vs Joseph Galea** deciza fit-22 ta’ Marzu 1965:
“Kif gie drabi ohra deciz mill-Qrati taghna, il-kliem ma jkunx jiswa f’dan l-artikolu m’ghandhomx l-istess sinjifikat tal-kliem “ikun null” jekk il-kunsens ikun vizzjat ai termini ta’ l-imsemmi artikolu, l-att ikun invalidu, imma mhux anke null. Jekk hemm vizzju tal-kunsens, bhala konsegwenza, ikun vizzjat il-kuntratt bazat fuq dak il-kunsens, u l-vizzju jaghti lok ghal azzjoni ta’ nullita`, li in segwitu ghaliha, l-kuntratt ghandu jaqa’. Pero‘ l-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabbli, ghaliex l-izball, il-vjolenza u l-ghemil doluz, ma jimpedux l-ezistenza tal-kunsens.“

Dan huwa l-insenjament tal-**Baudry - Lacantinerie,** Trattato di Diritto Civile, Delle obbligazioni, Vol I.para.98, li jghid in propozitu:
“Allorche` la violenza presenta: caratteri indicati dall’art. 1112 (Cod. Civ. It. Art. 1112), vizia il consenso e quindi il contratto di qui e` base. Per tanto esse genera un azione di nullita` in seguito alla quale il contratto deve cadere. Il-contratto, notiamolo, non e inesistente, ma soltanto annullabile, poiche` la violenza non impedisce al consenso d’esistere ed al contratto di formarsi…….Le proposizioni contenute in questo testo o di qui si suppone l’esistenza non sono speciali allla violenza. Essi si applicano pure all errore e al dolo.”

(Ara wkoll P.A. **Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lumb,** deciza fil-15 ta’ Dicembru 1952, **Maria Tabone vs Maria Vincenza Mifsud et** deciza fil-15 ta’ Frar 1954, u Appell, **Elena Agius vs Giuseppa Ciacio noe** deciza fit-3 ta’ Frar 1936.)

Fil-kaz in ezami, l-attur allega ghemil doluz da parti tal-konvenut. F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi l-artikolu 981 tal-Kap 16, li jipprovdi:
(1) “L-ghemil doluz huwa mottiv ta’ nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom l-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta.

(2) “L-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Av. Dottor Anthony Farrugia et** deciza fil-31 ta’ Marzu 1967, il-Qorti ta’ l-Appell Kummercjali qalet:
“Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jigi ppruvat illi kien hemm dolo da parti ta’ wiehed mill-kontendenti. Il-prova tad-dolo - il-ligi tghidu espressament - trid issir minn min jallegah, u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali ghax id-dritt modern ma jammettix dolo oggettiv *‘in re ipsa’* hi espressa fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodici Civili, ‘inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet’, illi fit-test Taljan ta’ l-artikolu 687 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1868 kienu *“raggiri usati da uno dei contraenti.*”

Illi ghal dik li hi definizzjoni tad-dolo ghadha tista’ tigi utilment ripetuta anke llum dik ta’ **Labcone** (fr.1 para. D.4.3.):
***‘dolum malum esse omnens caliditatem fallaciam marburationem ad circumveriendum decipiendum alterum adhibitam.’***

Fi kliem iehor, id-***dolo*** jikkonsisti fir-rieda hazina ta’ wiehed mill-kontaenti li topera permezz ta’ qerq (‘raggiri’)….(Ara **Ian u Jacqueline konjugi Busuttil vs Carmen Taliana,** P.A. deciza fis-6 ta’ Dicembru 2002.

Il-fattur ta’ qerq huwa kkunsidrat ukoll fl-artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. Fil-kawza, **Innocenzo Galea vs M. Zammit** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1919 gew insenjati l-principji kardinali tad-***dolo*** f’materja civili. Dawn kienu s-segwenti:
a) li l-inganni kienu l-kawza determinanti li taw lok ghall-ftehim. (Ara **Alice Cassar Torregiani vs Albert R. Manche`** Appell Civili, 17 ta’ Marzu 1958).
b) L-ezistenza ta’ l-element specifiku kostitwit mill-ingann uzat. (**Giovanni Farrugia Gay vs Emmanuele Farrugia Gay** P.A., 3 ta’ Mejju 1921).
c) In-necessita` tal-prova tad-***dolo*** jew ***frode*** minn min jallegah. (**Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti,** P.A. 4

ta' Frar 1965, u **Joseph Galea et vs A.I.C. Walter Caruana Montaldo** Appell Civili, 14 ta' Mejju 1971, **Vincenza Vassallo noe. vs L-Arkitett Edgar Caruana Montalto et** P.A. deciza fit-23 ta' Ottubru 2001).

Fil-kaz odjern, l-allegazzjoni maghmula mill-atturi kienet li l-kontenut ta' l-iskrittura datata 23 ta' Mejju 2002, fosthom, l-awment tal-kera ghall-fond mikri, kien sar ***ad insaputa*** ta' l-istess attur. Illi minn analizi li ghamlet il-Qorti tal-provi prodotti, waslet ghall-konvinciment li din l-allegata injoranza pretiza mill-atturi, ma gietx sostnuta bizzejjed bil-provi u bil-fatti. Illi fil-fatt, huwa indiskuss li l-attur mhux biss irrikonoxxa l-awment miftiehem b'dik l-iskrittura, imma wkoll ghamlu pagament ta' dan lill-istess konvenut, kif ikkonfermat Josephine Cini stess. (a fol 67).

Dan apparti li l-oneru tal-prova f'kaz bhal dan kien kollu kemm hu mixhut fuq l-attur li kellu jipproduci fatti kredibbli ghall-allegazzjoni tieghu li l-iskrittura ***de quo*** kienet vizzjata b'ghemil doluz.

Illi dan ma jirrizultax mill-atti tal-kawza, u l-attur naqas li jipprova dan l-ghemil doluz. Ukoll ta' min ighid, li x-xhieda ta' George Cini u Josephine Cini hija kunfliggjenti, fis-sens li John Cini xehed li huwa ghadda l-karta lil ohtu u din zammitha erbat ijiem (a fol 64). Min-naha l-ohra, Josephine Cini irrikonoxxiet il-fatt li kienet konxja li l-kera kienet telghet ghal Lm40 li kellha tithallas darba fis-sena, izda cahdet li hija zammet l-iskrittura ghal erbat ijiem, anzi qalet li sid il-post kien ha lura l-karta dak il-hin stess (a fol 67). Illi ghalhekk, dan ma jistax jitqies bhala provi sufficjenti ghaliex il-Qorti mhix sodisfatta mill-kredibilta` tax-xhieda in kwistjoni. Illi anqas ingiebet prova li l-karta ffirmata giet sostitwita b'karta ohra, hekk kif gie allegat fic-citazzjoni. Illi l-iskrittura, a fol 21 mhix iffirmata mill-partijiet, filwaqt li d-dokument a fol 22 huwa fil-fatt iffirmat miz-zewg partijiet.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma sar xejn ***ad insaputa*** ta' l-attur George Cini fil-ftehim tat 23 ta' Mejju 2002 u ghalhekk il-ftehim huwa vinkolanti bejn il-partijiet. Fil-kawza **Albert Brincat et vs Anthony Saliba et noe** deciza mill-Qorti ta'

l-Appell fl-14 ta' Novembru 1993, gie deciz illi xhieda orali ma kellhiex tkun ammissibbli biex tispjega skrittura privata li kienet cara u bla ebda mod dubjuza. Illi l-fatt kien gie stabbilit ukoll fil-kawza **Gourmet Co. Ltd. et vs Mariano Vella** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2001, li l-iskrittura maghmula min-nies responsabbli ghall-vantaggi u obbligi tal-firmatarji li jridu jassumu r-responsabbilta` kollha ta' dak li ffirmaw – ***qui sentit commodum sentire debet et onus*****.**

Ghal dawn il-motivi, peress li b'ebda mod ma gie stabbilit li saret xi firma bi zball jew qerq tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ghall-istess raguni tilqa' wkoll it-tieni eccezzjoni tal-validita` tal-lokazzjoni li ovvjament ghandha l-konsegwenzi taghha.

Ghalhekk tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------